



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

---

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

---

**2014/2126(DEC)**

8.12.2014

## **ABBOZZ TA' OPINJONI**

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO) għas-sena finanzjarja 2013 (2014/2126(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Sylvie Guillaume

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li jqisu li l-kontijiet annwali tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO) jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-EASO fil-31 ta' Diċembru 2013, kif ukoll ir-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu u tal-likwidità tiegħu għas-sena li ntemmet f'dik id-data, u li jippreċiżaw, barra minn hekk, li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-kontijiet annwali tal-EASO għas-sena finanzjarja 2013 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;
2. Jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li jindikaw it-titjib meħtieġ fir-rigward tal-affidabbiltà tal-kontijiet, tal-kontrolli interni u tal-ġestjoni baġitarja; Jenfasizza li d-diversi kummenti tal-Qorti tal-Awdituri għandhom ikunu apprezzati billi jitqies li l-eżerċizzju tal-2013 kien l-ewwel eżerċizzju sħiħ li, fih, l-EASO kien finanzjarjament awtonomu;
3. Jemmen b'mod partikolari li l-ippjanar baġitarju jista' jitjeb, iżda jinsab kuntent li tant kienet kbira l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet baġitarji li r-riporti tal-kreditu li saru kienu ħafna iktar baxxi milli fl-2012;
4. Jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li jindikaw it-titjib meħtieġ fir-rigward tal-proċeduri ta' reklutaġġ u t-trasparenza tagħhom; Jieħu nota, f'dan ir-rigward, tar-risposti mill-EASO, li ttrattaw b'mod partikolari it-tibdil tad-dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kunflitt tal-interessi għall-kumitati ta' għażla, u l-konformità mal-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' politika ta' prevenzjoni u tal-ġestjoni tal-kunflitt tal-interessi ffirmata fid-29 ta' Novembru 2013;
5. Iqis li, bħala regola ġenerali, għandha tingħata aktar attenzjoni għat-twaqqif ta' ġestjoni finanzjarja tajba min-naħa tal-EASO, jigiġifieri l-ekonomija, l-effikaċja u l-prestazzjoni li bihom l-Uffiċċju jkun uża l-approprijazzjonijiet tiegħu fit-twettiq tal-kompiti mogħtija lilu;